MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 77/2006

**PMS (Holding ) Limited (C 4146)**

**Vs**

**Joseph Baldacchino (ID 2153 M)**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' elfejn u erbatax-il ewro u wiehed u disghin centezmi (€2014.91) gja` Lm865 rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fil-fond li kienet tikri lil konvenut, maghruf bhala Portobello restaurant f'St Luke's Street, Bugibba, li taghhom huwa unikament responsabbli l-konvenut, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi preliminarjament l-avviz ghas-smiegh tal-kawza huwa

decizament null u invalidu u ghandu jinhareg wiehed mill-gdid li jkun konformi ma` l-ligi; preliminarjament ukoll l-avviz huwa null u dan minhabba mankanza ta' dettalji rikjesti mil-ligi; illi minghajr pregudizzju ghat-talbiet attrici huwa *'ultra vires'* il-gurisdizzjoni tat-Tribunal minhabba li si tratta ta' *'ragione legis u ragione materiae'*; illi minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` l-provi prodotti mill-partijiet.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Rad-diversi noti prezentati mill-partijiet.

IKKUNSDRA

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' flus wara danni subiti mis-socjeta' attrici kawzati allegatament mill-konvenut. Il-konvenut eccepixxa diversi punti legali. Illi l-konvenut qajjem eccezzjoni ulterjuri fejn qal illi l-konvenut m'ghandux relazzjoni guridika ma` l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2006. Illi b'sentenza preliminari tat-30 ta' Novembru, 2006 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni tal-forma fl-avviz u iddecieda illi ma jippronuncjax ruhu f'dak l-istadju dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Illi fix-xhieda ta' Peter Muscat Scerri intqal illi huwa kien il-persuna li ftiehmet ma` l-konvenut u huwa kien kera il-fond msejjah Portobello Restaurant li jinsab f'San Pawl il-Bahar. Illi huwa kien gie mhallas akkont ta' Lm500 ta' dak iz-zmien ghal kera tal-fond. Dan l-akkont kien gie imhallas permezz ta' *cheque* mahrug mill-Bank of Valetta plc fuq PMS (Holding) Ltd u ffirmat minn Joseph Baldacchino. L-ammont kien ta' Lm983. Muscat Sverri xehed illi hlas sussegwenti kien sar permezz ta' *cheque* iehor datat 4 ta' Settembru, 2005 fl-istess ammont. Illi wara li kien gie mhallas l-akkont huwa baqa' jircievi kera ta' tlett xhur. Ix-xhud spjega illi qatt ma gie iffirmat ftehim

bil-miktub peress illi l-konvenut ma kienx ried li l-ftehim isir bil-miktub. Intqal ukoll illi l-kera kien qieghed ihallasha huwa personalment. Illi gie prezentat abbozz tal-kera fl-atti tal-kawza, u ghalkemm huwa semplici abbozz jindika li z-zewg partijiet ghal ftehim kienu ha jkunu Peter Muscat Scerri ghan-nom u in rapprezentanza ta’ PMS Holdings Ltd u Joseph Baldacchino, il-partijiet fil-kawza.

It-Tribunal jirrilleva illi kull ‘cheque’ ezebit sar f’isem is-socjeta’ attrici.

Illi minn korrespondenza ezebita jirrizulta illi Joseph Baldacchino ried li l-kirja ssir f’ismu u mhux f’isem Portobello Ltd.

Illi minn dokumenti ezebiti t-Tribunal jirrilleva illi fil-mori tal-kawza, giet prezentata ittra ufficjali mibghuta lil konvenut taht l-artiklu 166A tal-Kap 12. Illi l-konvenut kien hallas l-ammont indikat f’din l-ittra ufficjali. L-ammont indikat fl-ittra ufficjali kien ghal xi kontribuzzjonijiet attinenti ghall-fond maghruf bhala Portobello Restaurant bejn 1 ta’ Mejju, 2004 u 31 ta’ Ottubru, 2005. Din l-ittra giet mibghuta mis-socjeta’ attrici lil konveut u t-talbiet ghal hlas gew saldati

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli wara li gew analizzati d-dokumenti ezebiti fl-attti kif ukoll ix-xhieda, t-Tribunal jikkonkludi lli kien hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Dwar il-hsarat subiti f’Portobello Restaurant fi zmien meta kien okkupat mill-konvenut it-Tribunal huwa tal-fehma lli wara li ezamina bir-reqqa’ d-dokumenti ezebiti u x-xhieda dwar il-hsarat, id-danni irrizultaw.

Ra illi b’nota tad-19 ta’ Dicembru, 2006 l-avukat difensur kien irrinunzja ghal patrocinju tal-konvenut Joseph Baldacchino u li kien ikkomunika ma` l-klijent tieghu.

Illi l-konvenut kien inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, izda minkejja dawn l-opportunitajiet il-konvenut ghazel li ma jidhirx.

Illi b’rikors datat 21 ta’ April, 2008 l-abbli Avukat Emy Bezzina ipprezenta rikors fejn spjega illi kien rega` assuma l-patrocinju tal-konvenut u talab is-sospensjoni tas-sentenza sabiex il-konvenut jinghata l-fakulta` li jressaq il-provi f’dan il-kaz, imbaghad jitratta u jghaddi ghas-sentenza, stante illi huwa kien rega’ ha l-kariga li kellha tinghata fil-25 ta’ Gunju, 2008. Illi fil-gurnata tas-sentenza, t-Tribunal ra illi minkejja rikors urgentissimu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li ma kienx ghadu ddekretat mit-Tribunal, la deher id-difensur tal-konvenut u l-anqas l-istess konvenut u dan minkejja l-fatt ukoll illi t-Tribunal sejjah il-konvenut u d-difensur tieghu ghal tlett darbiet u sahansitra ppospona l-kaz sa l-ahhar tas-seduta .

It-Tribunal jenfasizza lli sall-25 ta’ Gunju, 2008 t-Tribunal ma kienx ghadu ddekreta r-rikors ta` l-abbli avukat Dr Emy Bezzina u l-konvenut kien ikollu opportunita’ sabiex jispjega ruhu ulterjorment seduta stante.

Illi t-Tribunal ippretenda illi minhabba rikors ta’ natura urgentissimu mhux dekretat kemm il-konvenut kif ukoll id-difensur tieghu kellhom ikunu prezenti.

Illi dak in-nhar ta’ dik is-seduta, u cioe’ fil-25 ta’ Gunju, 2008 meta t-Tribunal ra illi hadd minn naha tal-konvenut ma deher ikkonkluda illi l-konenut ma kienx baqghalu interess fil-kawza u ddecieda illi jichad it-talba u jiddiferixxi l-kawza ghal ghoti tas-sentenza ghas-16 ta’ Ottubru, 2008.

Illi mill-provi imressqa quddiem dan it-Tribunal, jidhirlu illi dwar l-eccezzjoni li t-talbiet attrici huma *ultra vires ragione legis u ragionae materiae* t-Tribunal kellu l-ewwel jisma’ l-provi u wara li sema’ l-provi jinkonkludi illi t-talba giet intavolata skond il-ligi u ghalhekk it-Tribunal, jichad din l-eccezzjoni u jiddikjara t-talbiet *intra vires.*

In rigward ta’ l-eccezzjoni ulterjuri dwar jekk il-konvenut huwa l-legittimu kuntradittur, wara li t-Tribunal sema` l-provi, t-Tribunal jikkonkludi illi tezisti relazzjoni guridika

bejn il-partijiet u haldaqstant it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni u jikkonferma illi l-konvenut kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut ma ressaqx provi minkejja diversi opportunitajiet moghtija lilu mit-Tribunal. Illi mill-provi kif imressqa, jirrizulta il-fond Portobello Restaurant kien fil-fatt okkupat mill-konvenut ghal perjodu ta' zmien u f'dan il-perjodu ta' zmien sehhew danni fil-fond. It-Tribunal huwa moralment konvint illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas fis-somma ta' elfejn u erbatax-il ewro u wiehed u disghin centezmi (€2014.91) gja` Lm865 bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------